# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tat-tmienja u għoxrin (28) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| *Preżenti għall-Laqgħa:* | Mario Salerno Sindku |
| | Joe Carbone Viċi Sindku |
| | Stephen Mizzi Kunsillier |
| | Rose Roberts Kunsillier |
| | Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv |
| *Assenti:* | Nadia Zammit Kunsillier |

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa preċendenti tqassmu u inqraw mil-Kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati bi proponiment mis-Sindku u ssekondat mis-Sur Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno

1. Is-Sindku beda u qal li kellem lis-Sur Ricky Caruana u Robert Bondin Carter rigward iż-żabra u qal li ma jistax jibqa' sejjer hekk. Is-Sur Salerno qal ukoll li huipprova u ma kienx kapaċi imma llum għandi indiema kbira li għażilna lilek. Mario qal li nitkellmu ma min kien fit-tellieqa għall-istess tender u mbgħad naraw x'jgħidulna.

4.2. Is-Sindku qal li rigward il-proġetti tal-Miżuri 313 u 323 ġew aċċettati u ser ningħataw is-somma ta' €800,000 flok dik oriġinarjament stmata u mitluba ta' €3.6M. Il-Kunsill flimkien mal-Perit Anthony Bezzina qiegħed iħoss li din is-somma hija ftit wisq għaliex hemm spejjeż kbar sabiex il-pjazza tinqala' u ssir mil-ġdid bi struttura soda. Il-Paying Agency qegħdin jgħidu li l-istima tal-Perit hija wisq għolja u ix-xogħol ta' taħt l-art mhux importanti għaliex ma jkunx jidher. Tant hu hekk ukoll li talbuna sabiex nagħmlu stima ġdida li ma tinkludix ir-ristorazzjoni tax-xelters ta' żmien il-gwerra.

4.3. Is-Sur Salerno qal li rigward l-applikazzjoni tat-toroq waslu għand il-Water Services Corporation u t-Trasport Malta għall-approvazzjoni minn naħa tagħhom.

## 5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone

5.1.1. Is-Sur Carbone beda biex staqsa min hu responsabbli għal xogħol ħażin fuq reinstatements fit-toroq tagħna. Is-Sur Salerno qallu li ser iħallsuhom il-Water Services Corporation.

5.1.2. Il-Viċi Sindku qal li ix-xogħol fil-Kunsill miexi ġmielu u nistgħu napplikaw għas-servizz ta' l-ilma għas-sular ta' isfel. Hu kompla u qal li għalhekk tajjeb li nitolbu lil Perit Dieter Falzon sabiex ilesti il-Compliance certificate.

Carbone qal li ser jitlob sabiex jintefgħu offerti għaz-zoklatura tas-sala u tajjeb li jsir l-avviż fuq il-gazzetta mil-aktar fis u tingħata ġimgħa ċans sabiex jintefgħu l-offerti.

Joe Carbone qal ukoll li irridu nikkuntattjaw lil Brian Theuma il-bennej li bena il-Kunsill sabiex jiġi jkompli ix-xogħlijiet li jonqsu għaliex inkella inżommulu ir-retention money. Dan kellu ilesti dan ix-xogħol sa l-aħħar tas-sena li għaddiet.

Il-Viċi Sindku qal ukoll li ġaladarba għandna l-bieb ta' barra tal-Kunsill lest u xtrajna is-sellatura nistgħu ninstallgħuh fil-post mil-aktar fis. Tajjeb li nkellmu lil Raymond Camilleri il-Kuntrattur li rebaħ it-tender ta' l-aperturi ta' l-injam sabiex jiġi jinstalla t-twieqi u l-bibien mil-aktar fis. L-istess ħaġa għall-kuntrattur ta' l-aluminium Olta.

5.1.3. Is-Sur Carbone issuġġerixxa wkoll li tinħareġ talba għall-offerti għal-cameras u alarm tal-Kunsill kif ukoll għax-xogħol ta' restawr tan-niċeċ.

5.1.4. Is-Sur Joe Carbone issuġġerixxa li issir zebra crossing fi Triq San Pietru bejn il-Menhir u ir-round about ta' fejn il-mina. Is-Segretarju qal li ser jibgħat it-talba lit-Trasport Malta sabiex jieħdu ħsiebha għaliex hemm ħafna bżonn.

5.1.5. Carbone issuġġerixxa li isir *grass cutting* fi Triq l-Industrija u Triq l-Imdina.

## 6. Affarijiet oħra

6.1. Rigward it-tender tal-bandli il-Kunsill fis-seduta preċedenti kien talab għall-kjarifika ulterjuri mil-kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom u wara li ġew studjati l-offerti kif ukoll il-kjarifiki ġie maqbul li tingħażel l-offerta tal-JGC Ltd. Għalhekk il-Kunsill qabel li jagħmel laqgħa mal-JGC Ltd. mil-aktar fis sabiex nitkellmu fuq l-aċċessorji li irid u li għandu bżonn il-Kunsill.

6.2. F' din is-seduta il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġudikazzjoni tat-tender ta' l-ikel fi ħdan il-proġett tal-Familja Hort. Il-Kunsill wara li għamel il-proċedura tat-tender kif mitlub mil-liġi irċieva offerta waħda biss li kienet dik tas-Sur Ricky Caruana. Is-Sur Ricky Caruana offra li jipprovdi ikel sub contracted minn James Caterers bil-€45 kuljum għal għaxart itfal kif ukoll xorb u frott. Il-Kunsill qabel li tingħażel din l-offerta u li iżżomm lis-Sur Ricky Caruana bħala responsabbli ta' l-ikel li ser jipprovdi.

## 7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

## 8. Konklużjoni

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |